



BANK ĊENTRALI EWROPEW

LINJA TA' GWIDA TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-31 t'Awwissu, 2006

**li temenda l-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja
ta' l-Ewrosistema
(BĊE/2006/12)**

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 105(2),

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, b'mod partikolari l-Artikolu 12.1 u l-Artikolu 14.3 flimkien ma' l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 3.1, l-Artikolu 18.2 u l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 20,

Billi:

- (1) Il-kisba ta' politika monetarja waħdanija teħtieġ li jiġu ddefiniti l-istrumenti u l-proċeduri li għandhom jintużaw mill-Ewrosistema, li tikkonsisti fil-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li adottaw l-euro (hawn iżjed 'il quddiem 'l-Istati Membri parteċipanti') u l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE), sabiex din il-politika tiġi implimentata b'mod uniformi fl-Istati Membri parteċipanti kollha.
- (2) Il-BĊE għandu l-awtorità li jstabbilixxi l-linji ta' gwida meħtieġa biex tiġi implimentata l-politika monetarja waħdanija ta' l-Ewrosistema, u l-BĊNi huma obbligati li jimxu skond dawn il-linji ta' gwida.
- (3) Il-bidliet reċenti li saru fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni tal-politika monetarja waħdanija ta' l-Ewrosistema, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' attiv mhux negozjabbli fil-lista waħdanija ta' garanziji eliġibbli għall-operazzjonijiet ta' kreditu ta' l-Ewrosistema, għandhom jiġu riflessi b'mod adegwat billi jiġi sostitwit l-Anness I tal-Linja ta' Gwida tal-BĊE dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema li bħalissa hija fis-seħħ,

ADOTTA DIN IL-LINJA TA' GWIDA:

Artikolu 1

Prinċipji, strumenti, proċeduri u kriterji għall-implimentazzjoni tal-politika monetarja waħdanija ta' l-Ewrosistema

L-Anness I tal-Linja ta' Gwida BĊE/2000/7 tal-31 ta' Awwissu, 2000 dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta' l-Ewrosistema¹ huwa sostitwit bit-test li jinsab fl-Anness ta' din il-Linja ta' Gwida.

Artikolu 2

Verifika

Il-BĊNi għandhom jibagħtu d-dettalji tat-testi u l-mezzi li permezz tagħhom beħsiebhom jikkonformaw ma' din il-Linja ta' Gwida lill-BĊE sa mhux aktar tard mill-20 ta' Settembru, 2006.

Artikolu 3

Dħul fis-seħħ

Din il-Linja ta' Gwida għandha tidħol fis-seħħ jumejn wara li tiġi adottata. L-Artikolu 1 għandu japplika mill-1 ta' Jannar, 2007.

Artikolu 4

Destinatarji

Din il-Linja ta' Gwida hija indirizzata lill-BĊNi ta' l-Istati Membri parteċipanti.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fil-31 ta' Awwissu, 2006.

Għall-Kunsill Governattiv tal-BĊE

Il-President tal-BĊE

Jean-Claude TRICHET

¹ ĠU L 310, 11.12.2000, pġ. 1. Il-Linja ta' Gwida kif emendata l-aħħar mil-Linja ta' Gwida BĊE/2005/17 (ĠU L 30, 2.2.2006, pġ. 26).

‘L-implimentazzjoni tal-politika monetarja fiż-żona ta’ l-euro – Dokumentazzjoni ġenerali dwar l-istrumenti u l-proċeduri tal-politika monetarja ta’ l-Ewrosistema

[Test ta’ l-Anness]